AEC Australian Electoral Commission

Maltese / Malti

# Referenda

Referendum federali huwa vot nazzjonali fuq mistoqsija dwar bidla proposta fil-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija d-dokument bażiku fuq kif pajjiżna hu iggvernat. Mill-1901 saru 44 referenda. Għadda ftit taż-żmien mhux ħażin minn meta kellna wieħed – l-aħħar referendum sar aktar minn 20 sena ilu fl-1999.

## Min għandu jivvota

Iċ-ċittadini Awstraljani kollha ta' 18-il sena u akbar għandhom jivvutaw f'referendum. Trid tkun reġistrat u għandek taġġorna d-dettalji tar-reġistrazzjoni tiegħek jekk inti:

- biddilt ismek jew l-indirizz tiegħek riċentament
- għalaqt 18, jew
- sirt ċittadin Awstraljan

Żur **aec.gov.au** jew iġbor formola tar-reġistrazzjoni minn kwalunkwe uffiċċju tal-AEC.

## Meta u fejn tivvota

Il-jum tal-votazzjoni ser ikun nhar ta' Sibt bil-postijiet tal-votazzjoni miftuħin bejn it-8am u s-6pm madwar il-pajjiż.

Tims mobbli tal-votazzjoni ser iżuru wkoll ħafna postijiet rimoti fil-ġimgħat qabel il-jum tal-votazzjoni.

Jekk ma tistax tivvota dakinhar, jista' jkun li tkun eliġibbli li tivvota kmieni personalment jew bil-posta.

Ser ikun hemm aktar dettalji fis-sit **aec.gov.au** aktar viċin id-data tar-referendum.

## Kif tivvota

Il-votazzjoni f'referendum hija differenti minn dik f'elezzjoni. Kull m'għandek timla hija karta waħda tal-vot.

Il-karta tal-vot ser ikollha mistoqsija dwar il-bidla proposta fil-Kostituzzjoni. Biex tivvota, ikteb 'yes' jekk tapprova jew 'no' jekk ma tapprovax il-bidla proposta.

Fil-post tal-votazzjoni, tista' tistaqsi uffiċjal tal-votazzjoni, ħabib, jew membru tal-familja għall-għajnuna fuq kif tivvota.

**Tinkwetax jekk tagħmel żball.**
Itlob karta tal-vot oħra u ibda mill-ġdid.




Kampjun ta' karta tal-vot

Ikteb **YES** jekk tapprova l-bidla proposta

JEW




Kampjun ta' karta tal-vot

Ikteb **NO** jekk ma tapprovax il-bidla proposta

Ir-risposta tiegħek trid tinkiteb bl-Ingliż.

## Kif jiġi deċiż ir-riżultat

Il-bidla proposta fil-Kostituzzjoni trid tiġi approvata minn 'maġġoranza doppja' (double majority) – jiġifieri:

- maġġoranza nazzjonali tal-voti formali li ntefgħu (aktar minn 50%) mill-istati u t-territorji kollha, u
- maġġoranza tal-voti formali li ntefgħu (aktar minn 50%) fil-maġġoranza tal-istati (mill-inqas erba' mis-sitt stati).




**Ir-riżultat huwa obbligatorju.** Dan ifisser li l-Gvern Awstraljan irid jaġixxi fuq dak li jiddeċiedu l-votanti.

### Inneħħu l-ideat żbaljati dwar ir-referenda

**IDEA ŻBALJATA:** Jistgħu jsiru referenda dwar kwalunkwe suġġett jew liġi.
**FATT:** Isiru biss biex issir bidla proposta fil-Kostituzzjoni.

**IDEA ŻBALJATA:** L-istħarriġ tal-2017 dwar il-liġi taż-żwieġ kien referendum jew vot ta' konsultazzjoni.
**FATT:** Dan kien stħarriġ bil-posta u wieħed kellu l-għażla jekk jipparteċipax jew le.

**IDEA ŻBALJATA:** Mhux obbligatorju li tivvota f'referendum.
**FATT:** Trid tivvota jekk inti ċittadin Awstraljan ta' 18-il sena u akbar.

**IDEA ŻBALJATA:** Irrid nirreġistra separatament.
**FATT:** Jekk inti reġistrat għall-elezzjonijiet, inti reġistrat għar-referenda wkoll. Sempliċiment iżgura ruħek li d-dettalji tiegħek huma aġġornati.

**IDEA ŻBALJATA:** Nista' nivvota biss bil-posta.
**FATT:** Tista' tivvota dakinhar jew iċċekkja l-eliġibbiltà tiegħek biex tivvota kmieni personalment jew bil-posta billi iżżur aec.gov.au f'data viċin iż-żmien.

**IDEA ŻBALJATA:** Referendum għandu bżonn 70% jew aktar tal-voti 'yes' biex jgħaddi.
**FATT:** Irid ikun approvat minn aktar minn 50% tal-votanti mill-istati u t-territorji kollha, u minn aktar minn 50% tal-votanti tal-maġġoranza tal-istati (mill-inqas erba' mis-sitt stati). Din hija 'l-maġġoranza doppja'.

## Ir-Rwol tal-AEC

L-AEC hija awtorità statutorja indipendenti u imparzjali.

Ir-rwol tagħha fir-referendum huwa li tipprovdi servizzi ta' reġistrazzjoni, votazzjoni u ta' informazzjoni.

Waqt li l-AEC ser twassal fuljett yes/no lid-djar Awstraljani, l-informazzjoni f'din il-pubblikazzjoni hija magħmula mill-Parlament. Lil hinn mid-distribuzzjoni tal-fuljett, l-AEC m'għandha l-ebda involviment fil-kampanji favur jew kontra l-bidla proposta fil-Kostituzzjoni.

## Ieqaf u kkunsidra s-sors

Il-vot tiegħek fir-referendum ser jgħin biex tittieħed deċiżjoni importanti għall-Awstralja.

Waqt il-perjodu tar-referendum, tista' tiltaqa' ma' informazzjoni li hi intenzjonalment qarrieqa.

Ieqaf, iċċekkja, u kkunsidra s-sors ta' dak li tara, tisma' u taqra. F'dan ir-referendum tkunx imqarraq b'miżinformazzjoni.

Żur **aec.gov.au** għal suġġerimenti kif tiċċekkja s-sors.

**IĊĊEKKJA S-SORS**
fir-referendum li ġej

**aec.gov.au/translated** 1300 720 153

AEC
Australian Electoral Commission

AEC23/1804

Awtorizzat mill-Kummissarju Elettorali, Canberra
Authorised by the Electoral Commissioner, Canberra